

31999R0574

L 72/2

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

18.3.1999

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 574/1999

tat-12 ta' Marzu 1999

li jiddetermina l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100c tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

- (1) Billi l-Artikolu 100c tat-Trattat jeħtieġ li l-Kunsill jiddetermina l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri;
- (2) Billi fit-tħejjija tal-lista komuni annessa ma' dan ir-Regolament tirrappreżenta pass importanti lejn l-armonizzazzjoni tal-politika dwar il-viża; billi t-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 7a tat-Trattat jistipula partikolarment li s-suq intern għandu jkopri żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta', *inter alia*, persuni huwa żgurat skond it-Trattat; billi l-aspetti l-oħra ta' l-armonizzazzjoni tal-politika dwar il-viża, inklużi l-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' viża, huma materji li għandhom jiġu determinati fl-ambitu xieraq;
- (3) Billi r-riskji li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà u ma' l-immigrazzjoni illegali għandhom jingħataw konsiderazzjoni ta' prijorità meta l-imsemmija lista komuni tkun imħejjija; billi, b'żieda, ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' Stati Membri ma pajjiżi terzi jistgħu wkoll li jkollhom rwol;
- (4) Billi l-prinċipju li Stat Membru jista' ma jkunx jeħtieġ viża minn persuna li tkun tixtieq taqşam il-fruntieri esterni jekk dik il-persuna jkollha visa maħruġa minn Stat Membru ieħor li tosserva l-kondizzjonijiet armonizzati li jirregolaw il-ħruġ ta' viża u li tkun valida tul il-Komunità kollha jew

jekk dik il-persuna jkollha permess xieraq maħruġ minn Stat Membru hija materja li għandha tiġi deċiża fl-ambitu xieraq;

- (5) Billi dan ir-Regolament m'għandux ifixkel lil Stat Membru milli jiddeċiedi taħt liema kondizzjonijiet ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti legalment fit-territorju tiegħu jkun jistgħu jidħlu lura wara li jkun ħallew it-territorju ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni matul il-perjodu tal-validità tal-permess tagħhom;
- (6) Billi, f'każi speċjali li jiġġustifikaw eżenzjoni meta l-ħtiġiet ta' viża jkun jeżistu fil-prinċipju, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw ċerti kategoriji ta' persuni b'konformita mal-liġi internazzjonali jew il-konswetudini internazzjonali;
- (7) Billi, ladarba r-regoli nazzjonali jiddifferixxu dwar persuni mingħajr stat, refuġjati rikonossuti u persuni li jipproduċu passaporti jew dokumenti ta' l-ivjaġġar maħruġa minn entità jew awtorità territorjali li ma tkunx rikonossuta bħala Stat mill-Istati Membri kollha, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar il-ħtiġiet ta' viża għal dak il-grupp ta' persuni, meta l-entità jew awtorità territorjali ma tkunx fuq l-imsemmija lista komuni;
- (8) Billi huwa meħtieġ, meta entitajiet ġodda jkun miżjuda mal-lista, li jitqiesu l-implikazzjonijiet diplomatiċi u linji ta' gwida adottati dwar il-materja mill-Unjoni Ewropea; billi, fil-każi kollha, l-inklużjoni ta' pajjiżi terz fil-lista komuni huwa kompletament mingħajr preġudizzju għall-i *status* internazzjonali tiegħu;
- (9) Billi d-determinazzjoni ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri għandha tintlaħaq gradatament; billi l-Istati Membri għandhom kontinwament jistinkaw biex jarmunizzaw il-politika tagħhom dwar il-viża f'dak li għandu x'jaqşam ma pajjiżi terzi li ma jkunx fuq il-lista komuni; billi id-dispożizzjonijiet preżenti ma għandhomx jippreġudikaw il-kisba ta' moviment ħieles ta' persuni kif previst fl-Artikolu 7a tat-Trattat; billi il-Kummissjoni għandha tħejji rapport fuq il-progress dwar l-armonizzazzjoni fl-ewwel nofs tas-sena 2001;

⁽¹⁾ ĠU C 11, tal-15.1.1994, p. 15.

⁽²⁾ ĠU C 128, tad-9.5.1994, p. 350. Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 1999 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

- (1) Billi, bil-għan li jkun żgurat li s-sistema tkun amministrata apertament u li l-persuni interessati jiġu infurmati, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ma' l-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni l-miżuri li huma jieħdu konformement ma' dan ir-Regolament; billi għal-istess raġunijiet dik l-informazzjoni għandha wkoll tkun ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*,

ta' l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam ma' pajjiżi terzi li ma humiex fuq il-lista komuni u, jekk meħtieġ, jissottomettu proposti lill-Kunsill għal aktar miżuri meħtieġa biex jintlaħaq l-oġettiv ta' l-armonizzazzjoni stabbilita fit-Trattat.

Artikolu 4

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-lista komuni fl-Anness għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri.
2. Ċittadini ta' pajjiżi li qabel kienu jaġhmlu parti minn pajjiżi fil-lista komuni għandhom ikunu suġġetti għal ħtiġiet tal-paragrafu 1 sakemm u sa meta il-Kunsill jiddeċiedi mod ieħor permezz tal-proċedura stabbilita fid-dispożizzjoni rilevanti tat-Trattat.

1. Stat Membru jista' jeżenta ċittadini ta' pajjiżi terzi suġġetti għal ħtiġiet ta' viża skond l-Artikolu 1(1) u (2) minn dawn il-ħtiġiet. Dan għandu japplika partikolarment għall-ekwipaġġ ċivili ta' l-ajru u l-baħar, ekwipaġġ tal-kabina ta' l-ajruplani u attendenti fuq titjiriet ta' emerġenza jew titjiriet ta' salvataġġ u dawk l-oħrajn li jaġhtu l-għajjnuna fil-każ ta' diżastru jew inċident u dawk li jkollhom passaport diplomatiku, passaporti ta' qadi uffiċjali u passaporti oħra uffiċjali.

2. L-Artikolu 2(4) għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-ħtiġiet tal-viża għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma humiex fuq il-lista komuni.
2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-ħtiġiet tal-viża għal persuna mingħajr stat u refuġjati rikonoxxuti.
3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-ħtiġiet tal-viża għal persuni li jipproduċu passaporti jew dokumenti ta' l-ivjaġġar maħruġa minn entità jew awtorità territorjali li ma tkunx rikonoxxuta bħala stat mil-Istati Membri kollha jekk dik l-entità jew awtorità territorjali ma tkunx fuq il-lista komuni.
4. Fi żmien 10 ġranet tax-xogħol tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni il-miżuri li huma jkunu hađu konformement mal-paragrafi 1, 2 u 3. Aktar miżuri meħudha konformement mal-paragrafu 1 għandhom l-istess ikunu ikkomunikati fi żmien ħames ġranet tax-xogħol.

Il-Kummissjoni għandha tippublika l-miżuri ikkomunikati konformement ma' dan il-paragrafu u l-aġġornamenti tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* għall-informazzjoni.

Artikolu 3

Matul l-ewwel nofs tas-sena 2001 il-Kummissjoni għandha tħejji rapport fuq il-progress dwar l-armonizzazzjoni tal-politika ta' viża

Artikolu 5

Għall-għanjiet ta' dan ir-Regolament, "viża" għandha tfisser l-awtorizzazzjoni mogħtija jew deċiżjoni meħuda minn Stat Membru li tkun meħtieġa għal dħul fit-territorju tiegħu bil-għan ta':

- soġġorn intenzjonat f'dak l-Istat Membru jew f'diversi Stati Membri ta' mhux aktar minn tliet xhur b'kollox,
- transitu ma tul it-territorju ta' dak l-Istat Membru jew ta' diversi Stati Membri, ħlief għal transitu ma tul iż-żoni internazzjonali ta' ajruporti jew ta' trasferimenti bejn ajruporti fi Stat Membru.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal aktar armonizzazzjoni bejn Stati Membri individwali, li jmur 'lil hinn mil-lista komuni, li jiddetermina l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tagħhom.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Marzu 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

O. SCHILY

L-ANNEX

LISTA KOMUNI LI HEMM REFERENZA GĦALIHA FL-ARTIKOLU 1

I. STATI

L-Afganistan	Fiġi	Il-Korea ta' Fuq
L-Albanija	Dik li qabel kienet ir-Repubblika	L-Oman
L-Alġerija	Jugoslava tal-Maċedonja	Il-Pakistan
L-Angola	Il-Gabon	Il-Papua New Guinea
L-Armenja	Il-Gambja	Il-Peru
L-Ażerbajġan	Ġeorġja	Il-Filippini
Il-Baħrejn	Ghana	Il-Katar
Il-Bangladexx	Gwinea	Ir-Rumanija
Il-Belarusja	Gwinea-Bissaw	Ir-Russja
Benin	Gujana	Ir-Ruwanda
Bhutan	Haiti	Sao Tome u Principe
Il-Bulgarija	L-Indja	L-Arabja Sawdita
Burkina Faso	L-Indonesja	Is-Senegal
Burma/Myanmar	L-Iran	Sjerra Leone
Burundi	L-Iraq	Is-Somalja
Il-Kambodja	Il-Ġordan	Sri Lanka
Il-Kamerun	Il-Kazakhstan	Is-Sudan
Cape Verde	Il-Kyrgyzstan	Suriname
Ir-Repubblika ta' l-Afrika Ċentrali	Il-Kuwajt	Is-Sirja
Iċ-Ċad	Il-Laos	It-Tagikistan
Iċ-Ċina (*)	Il-Libanu	It-Tanżanija
Komoros	Il-Liberja	It-Tajlandja
Il-Kongo	Il-Libja	Togo
Il-Kosta d'Avorju	Il-Madagaskar	It-Tunizija
Kuba	Il-Maldivi	It-Turkija
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	Mali	It-Turkmenistan
Dġibuti	Il-Mawritanja	L-Uganda
Ir-Repubblika Domenikana	Mawritjus	L-Ukrajna
L-Eġittu	Il-Moldavja	L-Emirati Għarab Magħquda
Il-Gwinea Ekwatorjali	Il-Mongolja	L-Użbekistan
L-Eritrea	Il-Marokk	Il-Vjetnam
L-Etjopja	Il-Możambik	Il-Jemen
Ir-Repubblika Federali tal-Jugosalvja (Serbja u Montenegro)	In-Nepal	Iż-Żambja
	In-Niġer	
	In-Niġerja	

(*) Għal dak li għandu x'jaqsam maċ-Ċina, dan ma jinkludix lil dawk li għandhom il-passaport tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong. L-Artikolu 2 japplika: L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk iżommux jew jirrevedux il-ħtiġiet tagħhom għal viża f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn il-persuni.

II. ENTITAJIET U AWTORITAJIET TERRITORJALI LI MA HUMIEX RIKONOXXUTI BĦALA STATI MILL-ISTATI MEMBRI KOLLHA

It-Tajwan